# ANNIVERSARJI TA' NIES KBAR MALTIN F'DIN IS-SENA 1967

*Ta'* GINO MUSCAT AZZOPARDI

Il-100 anniversarju tal-mewt ta' Sir Vincenzo Azzopardi, baruni, tabib u storjografu: 2 Ott. 1867.

It-30 anniversarju mill-mewt ta' Sir Augustus Bartolo, imħallef, politiku, ġurnalist, professur u storjografu: 20 Frar 1937.

Il-130 anniversarju mill-mewt ta' Ċensu Borg "Brared", figura importanti ta' żmien l-Imblokk tal-Franċiżi: 18 Lulju 1837.

Il-120 anniversarju mill-mewt ta' l-Isqof Francesco Saverio Caruana ta' żmien il-Franċiżi: 17 Nov. 1847.

Is-60 anniversarju tal-mewt tal-filologu Malti Antonio Em. Caruana: 24 Sett. 1907.

It-80 sena mill-mewt tal-Pittur Malti Raffaele Caruana: 1887.

It-360 anniversarju mill-mewt ta' Vittorio Cassar, arkitett, bin Girolamo: 1607.

Is-60 anniversarju mill-mewt tal-istorjografu Pietru Pawl Castagna: 13 Apr. 1907 u 180 sena mit-twelid tiegħu.

Il-150 sena mit-twelid tal-leġislatur u President tal-Qrati Sir Adrian Dingli: 1817.

Is-60 sena mill-mewt ta' l-istorjografu ekklesjastiku Achille Ferris: 1 Frar 1907 u 130 sena mit-twelid tiegħu.

It-300 anniversarju tal-mewt ta' l-iskultur Melchiorre Gafà: 1 Ott. 1667.

It-30 sena mill-mewt ta' Dun Alfred Gatt, qassis miżmum b'qaddis: 26 Marzu 1937.

Il-160 sena mill-mewt ta' l-Isqof Vincenzo Labini: 30 Apr. 1807.

Il-40 sena mill-mewt ta' missier il-letteratura Maltija Ġużè Muscat Azzopardi, letterat, politiku u ġurnalist: 27 Aw. 1927.

Il-230 anniversarju tat-twelid ta' Dun Mikiel Scerri, patrijott u martri: 29 Sett. 1737.

Il-20 anniversarju mill-mewt ta' Antonio Sciortino, skultur ta' fama internazzjonali: 10 Aw. 1947.

Il-40 sena mill-mewt ta' l-ewwel stenografu Malti: Pawlu Bellanti: 23 Frar 1927.

Is-70 sena mill-mewt tal-mużiċist Giuseppe Emm. Bonavia, awtur ta' xi opri liriċi: 3 Aw. 1897.

*Minn dawn kollha hawn xi ħadd minnhom li jistħoqqlu jkun kommemorat b'sett ta' bolli ma' tul l-1967?*



# DALMA

*Ta'* EMLE. ATTARD

Illum,
li għadda ż-żmien
u l-ħajja għallmitni x'int,
nitbekka qed is-sliem
ta' meta tfajjel
kont għadni ma nafikx;
mitluf fid-dlam tal-ħajja
b'elf salib
tlabtek ħniena
ħabib!

Ħsibt li sejra
tiġik ħasra;
stennejt,
u bkejt
'mma kien għalxejn.

U issa,
mifnija, għajjiena,
titkagħweġ ġo sidri,
qed tifga din qalbi
għax inti ma smajtux
talbi;
mitluf fid-dlam tal-ħajja
warrabtni,
irmejtni,
kasbartni,
u t-toqol tal-ħajja
li nieżel kuljum
inħossu jgħaffiġni!

Mifnija, għajjiena
din qalbi,
qed titlob il-ħniena;
ma ridtx illi d-dalma
taħbili t-triq . . . .
it-triq tas-sewwa.